# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# UFFIĊJAL REVIŻUR

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024**

**Rik Nru: 163/2024**
**Nru fuq il-Lista: 8**

**Michael Piccinino (K.I. 0164595M)**

**vs**

**Christian Xuereb (K.I. 0275288M) u l-Kummissjoni Elettorali**

**L-Uffiċjal Reviżur;**

Ra r-rikors promotur mressaq fis-7 ta' Mejju 2024[1] fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li isem Christian Xuereb (K.I. 0275288M) jiġi mħassar mir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, ir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali rivedut tal-Unjoni Ewropea ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' April 2024.

[1] A fol 1 tal-proċess

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024[2], fejn seħħet korrezzjoni fir-rikors promotur fis-sens li żdiedu il-kliem skond il-Kapitolu 354, 363 u 467, kif ukoll l-artikolu 12b tal-Kapitolu 467 tal-Liġijiet ta' Malta. Dakinhar nstemgħet ix-xhieda ta' Savio Borg[3] u ta' Christian Xuereb[4], u r-rikors tħalla għad-deċiżjoni illum.

Ra l-atti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi dan tal-lum huwa provvediment dwar talba tar-rikorrent[5] mressaq, wara l-korrezzjoni hawn fuq imsemmija kemm taħt il-Kapitoli 354, 363 u 467 tal-Liġijiet ta' Malta. L-argument tar-rikorrent huwa li isem Christian Xuereb għandu jitneħħa mir-Reġistri għaliex huwa qiegħed taħt kundanna ta' sentenza ta' priġunerija t'iktar minn tnax il-xahar. Rilevanti għalhekk huwa l-artikolu 15 tal-Kapitolu 354, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll, l-artikolu 12b tal-Kapitolu 467 tal-Liġijiet ta' Malta[6].

Illi kif tajjeb ġie mfisser riċentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[7] il-liġi tagħna tispjega b'mod ċar min jista' u għandu jkun indikat (u allura reġistrat) bħala elettur[8]. Xogħol l-Uffiċjal Reviżur huwa propju li jeżamina jekk dawn l-elementi humiex sodisfatti.

---

[2] A fol 7 tal-proċess.
[3] Din tibda a fol 9 tal-proċess.
[4] Din tibda a fol 11 tal-proċess.
[5] Tajjeb mill-ewwel jingħad li dan sar f'ismu personali u fl-ebda kapaċita oħra.
[6] Dan tal-aħħar jirrepeti dak li jgħid l-artikolu 58(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
[7] Fost oħrajn, l-Uffiċjal Reviżur jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Michael Piccinino *pro et noe* vs Raisa Agius *et,*** (App Ċiv Nru: 51/2014/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Mejju 2024.
[8] Referenza ssir għall-artikolu 15 tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 10 u 11 tal-Kapitolu 467 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi skond ix-xhieda ta' Savio Borg[9] l-Kummissjoni Elettorali għalkemm sabet li Christian Xuereb kien ġie kkundannat tlett snin priġunerija fis-16 ta' Novembru 2023 għażlet li żżomm ismu fir-Reġistru għaliex kellhom notament bil-kelma "appell" ħdejh.

Illi Christian Xuereb spjega li fil-fatt dik is-sentenza, li ngħatat f'Novembru 2023 ingħatat fl-istadju tal-appell u ma kien hemm l-ebda proċess ġudizzjarju ulterjuri dwarha. Ikkonferma li din ingħatat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Novembru 2023.

Illi skond sentenza[10] Christian Xuereb ġie kkundannat priġunerija ta' tlett snin, kif wara kollox huwa stess stqarr fix-xhieda tiegħu. B'hekk jiġi li huwa ma setax jiġi reġistrat bħala elettur.

Illi għall-Uffiċjal Reviżur, jirriżulta li n-notament "appell" li fuqha straħet il-Kummissjoni Elettorali kienet sempliċiment tfisser li dik is-sentenza kienet ingħatat fl-istadju tal-appell u mhux kif erronjament ħasbet li kien sar appell minn dik is-sentenza[11].

Illi jiġi b'hekk li Christian Xuereb ma jistax jitqies bħala elettur skond il-liġi u għalhekk ismu għandu jitħassar.

---

[9] A fol 9 tal-proċess.
[10] L-Uffiċjal Riveżur ħa wkoll konjizzjoni tas-sentenza relattiv mis-sitema eletronika tal-Qrati. Is-sentenza hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Xuereb,** (83/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Novembru 2023. L-appell kien intlaqa' biss dwar aggravju fuq l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ġiet konfermata mill-bqija.
[11] Dik finali tas-16 ta' Novembru 2023.

Għaldaqstant, l-Uffiċjal Reviżur qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrent u b'hekk jordna li l-Kummissjoni Elettorali tikkoreġi r-Reġistri Elettorali rispettivi u dan billi tħassar isem Christian Xuereb (K.I. 0275288M).

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Uffiċjal Reviżur

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur